

**REGOLAMENT (UE) Nru 306/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tad-9 ta' Marzu 2011****li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 dwar ir-rati ta' tariffa għall-banana**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 <sup>(2)</sup> jipprevedi li, mill-1 ta' Jannar 2006, ir-rata ta' tariffa għall-banana bil-kodiċi NM 0803 00 19 għandha tkun ta' EUR 176/tunnellata metrika.
- (2) Fil-31 ta' Mejju 2010, il-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana <sup>(3)</sup> bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela ("il-Ftehim") dwar l-istruttura u l-operat tas-sistema kummerċjali tal-Unjoni għall-banana bil-kodiċi NM 0803 00 19 ġie ffirmat.
- (3) F'konformità mal-Ftehim, l-Unjoni ser tnaqqas gradwalment it-tariffa tagħha għall-banana minn EUR 176/tunnellata metrika għal EUR 114/tunnellata metrika.

L-ewwel tnaqqis, li ġie applikat retroattivament mill-15 ta' Diċembru 2009, id-data tal-inizjalur tal-Ftehim, naqqas it-tariffa għal EUR 148/tunnellata metrika. It-tnaqqisiet sussegwenti għandhom japplikaw b'seba' rati annwali b'possibbiltà ta' dewmien li ma jaqbiżx massimu ta' sentejn fil-każ li jkun hemm dewmien fil-ftehim dwar il-modalitajiet taċ-Ċiklu ta' Doha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). It-tariffa finali ta' EUR 114/tunnellata metrika għandha tintlaħaq sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2019. It-tnaqqisiet fit-tariffi jsiru "vinkolanti" fi ħdan id-WTO fil-waqt li tiġi ċċertifikata l-iskeda tal-banana tal-UE.

- (4) Wara li ġie applikat provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu, il-Ftehim ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/194/UE <sup>(4)</sup>.
- (5) Fid-dawl tat-tariffi l-ġodda tal-banana li għandhom jiġu applikati skont il-Ftehim, huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1964/2005 jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1964/2005 huwa mħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, id-9 ta' Marzu 2011.

*Għall-Parlament Ewropew**Il-President*

J. BUZEK

*Għall-Kunsill**Il-President*

GYŐRI E.

<sup>(1)</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011.

<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 2.12.2005, p. 1 (Edizzjoni speċjali bil-Malti: ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 649).

<sup>(3)</sup> ĠU L 141, 9.6.2010, p. 3.

<sup>(4)</sup> Ara paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.